KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.10.2006
KUMM(2006) 568 finali

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Dwar iż-żamma tan-nuqqas ta' reċiproċità għal ċerti pajjiżi terzi fir-rigward ta' l-eżenzjoni mill-viża

**skond l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KE) Nru. 539/2001 tal-Kunsill li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa hekk kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 851/2005 għal dak li għandu x'jaqsam mal-mekkaniżmu tar-reċiproċità**

MT MT

# WERREJ

I. Introduzzjoni ... 3

II. Ir-riżultati miksuba minn meta sar l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar ir-reċiproċità ... 4

1. Ir-reċiproċità sħiħa hija minn issa ’l quddiem imwettqa: ... 4

**1.1. L-Urugwaj:** ... 4

**1.2. Il-Kosta Rika** ... 4

2. It-twettiq tar-reċiproċità għadu għaddej: ... 5

**2.1. Il-Brażil** ... 5

**2.2. Il-Malasja** ... 5

3. Is-soluzzjoni tal-problemi tan-nuqqas ta’ reċiproċità tħabbret imma għadha ma saritx konkreta ... 6

**3.1. Il-Paragwaj** ... 6

**3.2. Singapor** ... 7

**3.3. Il-Brunej** ... 7

4. Minn meta sar ir-rapport ta’ l-10 ta’ Jannar 2006, it-twettiq tar-reċiproċità mexa ’l quddiem. ... 8

**4.1. Il-Kanada** ... 8

**4.2. L-Awstralja** ... 10

5. Minn meta sar ir-rapport ta’ l-10 ta’ Jannar 2006, it-twettiq tar-reċiproċità ma mexiex ’il quddiem ... 13

**5.1. L-Istati Uniti ta’ l-Amerika** ... 13

III. Konklużjonijiet ... 15

# I. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri (l-Anness I tar-Regolament; minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-lista negattiva") u l-lista ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dan l-obbligu (l-Anness II tar-Regolament; minn hawn 'il quddiem imsejħa l-lista "pożittiva")[1], huwa fil-qalba tal-politika komuni ta' l-UE fir-rigward tal-viżi. Dan ġie emendat b'mod sostanzjali bir-Regolament (KE) Nru. 851/2005 tat-2 ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid ta' reċiproċità. Dan għandu l-għan li, permezz ta' miżuri xierqa, jistabbilixxi r-reċiproċità fir-rigward tal-pajjiżi terzi li għadhom jissottomettu liċ-ċittadini li ġejjin minn ċerti Stati Membri ta' l-UE għall-obbligu tal-viża għal soġġorni ta' inqas minn 90 jum filwaqt li l-Komunità ma tissottomettix liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi għal dan l-obbligu tal-viża. Ir-Regolament (KE) Nru. 851/2005 jippreżenta l-possibbiltà li jistabbilixxi b'mod proviżorju l-obbligu tal-viża fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, dikjarazzjoni komuni li qablu fuqha l-Kunsill u l-Kummissjoni fl-okkażjoni ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 851/2005[2] issemmi l-possibbiltà li jirrikorru għal miżuri oħra proviżorji, b'mod partikolari fil-qasam politiku, ekonomiku jew kummerċjali.

Bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 851/2005 u wara n-notifika mill-Istati Membri tal-każijiet tan-nuqqas ta' reċiproċità, fl-10 ta' Jannar 2006 il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill rapport dwar ir-reċiproċità fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi fejn tidħol l-eżenzjoni mill-viża[3]. Dan ir-rapport kien jippreżenta l-proċeduri użati mill-Kummissjoni fil-konfront tal-pajjiżi terzi tal-lista pożittiva li żammew l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini li ġejjin mill-Istati Membri u kien jagħmel inventarju tar-riżultati miksuba. Wara li kkunsidrat il-progressi li saru, il-Kummissjoni fl-aħħar qieset li f'dik il-fażi ma kienx jaqbel li r-rapport jiġi konkluż bi proposta li terġa' tistabbilixxi l-obbligu tal-viża b'mod proviżorju jew bi proposta ta' miżura bħal dawk maħsuba bid-dikjarazzjoni komuni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Madankollu, fil-perspettiva tat-tieni rapport li għandha tippreżenta, il-Kummissjoni ħabbret li kienet se tivverifika jekk is-soluzzjonijiet ippreżentati minn ċerti pajjiżi terzi kinux ġew ikkonkretizzati jew le u jekk it-tkomplija tad-djalogu ma' pajjiżi terzi oħra kinitx ressqet il-perspettiva ta' reċiproċità fir-rigward ta' l-eżenzjoni mill-viża.

Il-Kunsill tal-21 ta' Frar 2006, fil-konklużjonijiet tiegħu, adotta l-analiżi tal-Kummissjoni u ħeġġiġha b'mod partikolari biex issaħħaħ l-isforzi tagħha ma' l-Istati Uniti, mal-Kanada u l-Awstralja u biex tkompli l-progressi mal-pajjiżi terzi l-oħra kkonċernati.

Dan ir-rapport ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KE) Nru. 539/2001 u kif miktub fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru. 851/2005, jistabbilixxi r-riżultat tat-tkomplija tal-proċeduri tal-Kummissjoni mibdija minn meta l-Kunsill adotta l-konklużjonijiet fil-21 ta' Frar fir-rigward tal-pajjiżi terzi tal-lista pożittiva li żammew l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

1 ĠU L 81 tal-21.3.2001, p. 1.
2 ĠU C 172 , tat-12.7.2005, p. 1
3 COM(2006) 3 finali.

## II. IR-RIŻULTATI MIKSUBA MINN META SAR L-EWWEL RAPPORT TAL-KUMMISSJONI DWAR IR-REĊIPROĊITÀ

Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2006 ġie mgħoddi fil-ġranet segwenti lill-awtoritajiet tad-diversi pajjiżi terzi kkonċernati permezz ta' nota verbali.

Minħabba li fil-21 ta' Frar 2006 il-Kunsill appoġġa l-istrateġija li tinsab fil-konklużjoni tar-rapport tal-Kummissjoni, din setgħet tkompli b'mod attiv il-proċeduri u x-xogħol tagħha sabiex titwettaq ir-reċiproċità.

B'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni kompliet djalogu intensiv ma' l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Fil-każ, b'mod partikolari, ta' l-Awstralja, tal-Kanada u ta' l-Istati Uniti, is-servizzi tal-Kummissjoni, fit-23 ta' Marzu 2006, organizzaw laqgħa teknika mar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri kkonċernati sabiex iqisu fejn qegħdin eżatt dawn l-Istati fid-djalogu ma' dawn it-tliet pajjiżi terzi u r-riżultati ta' dan id-djalogu. Din il-laqgħa kienet tidħol fil-perspettiva tal-kuntatti fuq livell għoli li l-Kummissjoni kellu jkollha matul il-ġimgħat segwenti ma' l-awtoritajiet ta' dawn it-tliet pajjiżi.

### 1. Ir-reċiproċità sħiħa hija minn issa 'l quddiem imwettqa:

#### *1.1. L-Urugwaj:*

*Ir-riżultati tal-kuntatti ma' l-awtoritajiet ta' l-Urugwaj:*

Fis-16 ta' Jannar 2006, l-awtoritajiet Estonjani informaw lill-Kummissjoni li l-Urugwaj neħħa l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini li ġejjin mill-Estonja għal soġġorni ta' mhux iktar minn 3 xhur.

*Valutazzjoni:*

Ir-reċiproċità fir-rigward ta' l-eżenzjoni mill-viża hija issa mwettqa b'mod sħiħ għall-Istati Membri kollha.

#### *1.2. Il-Kosta Rika*

*Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:*

Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Kosta Rika fuq iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża taċ-ċittadini ta' l-Iżlanda u dawn wieġbu li l-Iżlanda se tibda qed tibbenefika mill-istess dispożizzjonijiet fi żmien qasir. Tħabbret modifika tad-"dispożizzjonijiet ġenerali" f'dan is-sens.

Bi tweġiba għan-nota verbali tal-15 ta' Ġunju 2006 tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Kosta Rika kkonfermaw permezz ta' nota fl-20 ta' Lulju 2006 li r-reċiproċità hija minn issa 'l quddiem żgurata inkluż fir-rigward ta' l-Iżlanda.

Valutazzjoni:

Ir-reċiproċità fir-rigward ta' l-eżenzjoni mill-viża hija issa mwettqa b'mod sħiħ għall-Istati Membri kollha u għall-pajjiżi assoċjati ma' Schengen.

## 2. It-twettiq tar-reċiproċità għadu għaddej:

### *2.1. Il-Brażil*

*Is-sitwazzjoni attwali:*

Iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini: mill-Awstrija, minn Ċipru, mill-Estonja, mil-Litwanja u minn Malta.

Ir-Repubblika Ċeka informat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li l-ftehim li kkonkludiet mal-Brażil fid-29 ta' April 2004 fir-rigward tat-tneħħija ta' l-obbligu tal-viża daħal fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2005.

Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:

L-awtoritajiet Brażiljani diġà esprimew u kkonfermaw formalment ir-rieda politika tagħhom li jeżentaw mill-obbligu tal-viża ċ-ċittadini li ġejjin mill-Istati Membri li għadhom suġġetti għal dan l-obbligu u li fl-2005 għaddew lill-Kummissjoni abbozz ta' ftehim li għandu jiġi konkluż mal-Komunità Ewropea bil-għan li jitneħħa l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri msemmija hawn fuq.

Fl-ewwel rapport tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-kompetenza komunitarja esklussiva fir-rigward ta' l-obbligu u ta' l-eżenzjoni mill-viża teskludi l-konklużjoni ta' ftehim ta' eżenzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil li jkun japplika biss għal numru limitat ta' Stati Membri.

Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rapport tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2006, il-Kunsill laqa' l-impenn politiku li ħa l-Brażil u stieden lill-Kummissjoni biex, malajr kemm jista' jkun, tissottomettilu rakkomandazzjoni bil-ħsieb li jinbdew negozjati sabiex jiġi konkluż ftehim ta' eżenzjoni mill-viża bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil. Is-servizzi tal-Kummissjoni qed iħejju din ir-rakkomandazzjoni. Dan se jkun l-ewwel każ ta' negozjati ta' ftehim bilaterali ta' eżenzjoni mill-viża bejn il-Komunità u pajjiż terz.

Valutazzjoni:

L-awtoritajiet Brażiljani reġgħu affermaw l-impenn tagħhom li jiżguraw ir-reċiproċità sħiħa fir-rigward tal-viżi. Malli jissolvew ċerti diffikultajiet marbuta mas-sitwazzjoni kumplessa li tirriżulta mill-ordni ġuridiku komunitarju, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mat-tul ta' soġġorn qasir awtorizzat fuq il-bażi ta' eżenzjoni mill-viża, il-Kummissjoni se tippreżenta r-rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq sabiex jinbdew in-negozjati mal-Brażil.

### *2.2. Il-Malasja*

*Is-sitwazzjoni attwali:* eżenzjoni mill-viża limitata għal soġġorni ta' inqas minn 30 jum għaċ-ċittadini ta' Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall u s-Slovenja.

Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:

B'ittra fis-6 ta' Frar 2006 lill-Kummissjoni, il-Missjoni tal-Malasja fi ħdan l-Unjoni Ewropea kkonfermat l-intenzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Malasja li jirregolaw il-problemi li għad baqa' fir-rigward tar-reċiproċità.

Minħabba li sussegwentement ma rċeviet l-ebda komunikazzjoni uffiċjali dwar dan, il-Kummissjoni, permezz ta' nota verbali ta' l-1 ta' Ġunju 2006, fakkret lill-awtoritajiet tal-Malasja bil-persistenza tal-problemi tan-nuqqas ta' reċiproċità fir-rigward ta' l-Istati Membri kkonċernati u fil-perspettiva tat-tieni rapport li għandu jiġi ppreżentat f'Lulju 2006, stidnithom biex jgħarrfuha bl-istat attwali tas-sitwazzjoni..

Permezz ta' ittra ta' l-24 ta' Awissu 2006, l-awtoritajiet tal-Malasja infurmaw lill-Kummissjoni bl-impenn tagħhom li jeżentaw liċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri mill-obbligu ta' viża għal żjajjar ta' mhux iktar minn tliet xhur. Dan l-impenn għandu jiġi konkretizzat f'żewġ fażi. L-ewwel fażi diġa qiegħda sseħħ, u tikkonsisti mit-tlestija ta' l-arranġamenti amministrattiva meħtieġa sabiex tingħata l-eżenzjoni mill-viża għal żjajjar ta' mhux iktar minn tliet xhur lil ċittadini tal-Greċja, l-Portugall, Ċipru, il-Latvja u Malta. Madankollu, it-tul taż-żjara għal ċittadini mill-Estonja, il-Litwanja u mis-Slovenja li tkun eżenti mill-viża ser tibqa' limitata għal xahar minħabba l-fatt li, skond l-awtoritajiet tal-Malasja, dawn l-Istati Membri ma jagħtux eżenzjoni mill-viża għal żjajjar ta' tliet xhur lil ċittadini tal-Malasja, jew jagħtu eżenzjoni mill-viża limitata għal żjajjar ta' erbatax-il jum. L-awtoritajiet tal-Malasja infurmaw lill-Kummissjoni li dan l-obbligu ta' viża għal żjajjar ta' tliet xhur ser jitneħħa meta l-Istati Membri kkonċernati jeżentaw liċ-ċittadini tal-Malasja mill-obbligu tal-viża għaż-żjajjar ta' l-istess tul.

*Valutazzjoni:*

Il-Kummissjoni laqgħet b'mod favorevoli l-progress tal-Malasja sabiex tistabilixxi mill-ġdid ir-reċiproċità fir-rigward ta' viżi għal żjajjar ta' mhux iktar minn tliet xhur. B'mod partikolari, il-Kummissjoni laqgħet favorevolment l-arranġamenti amministrattivi sabiex terġa' tiddaħħal ir-reċiproċità għaċ-ċittadini tal-Greċja, l-Portugall, Ċipru, il-Latvja u Malta. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li teżamina l-istqarrijiet mogħtija mill-awtoritajiet tal-Malasja fil-konfront ta' l-Estonja, il-Litwanja u s-Slovenja. Madankollu, waqt li qed jitħejja dan ir-rapport, tnejn minn dawn it-tliet Stati Membri diġà innotifikaw lill-Kummissjoni li dawn l-istqarrijiet huma bla bażi u li jikkonċedu l-eżenzjoni mill-viża liċ-ċittadini tal-Malasja għal żjajjar ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Il-Kummissjoni ser tkompli teżamina l-argumenti mressqa mill-awtoritajiet tal-Malasja u ser tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tispjega lill-awtoritajiet tal-Malasja s-sitwazzjoni attwali li tikkonċerna lil dawn it-tliet Stati Membri, bil-għan li mill-aktar fis possibbli terġa' tistabilixxi mill-ġdid l-eżenzjoni mill-viża għal żjajjar ta' mhux iktar minn tliet xhur għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri.

## 3. Is-soluzzjoni tal-problemi tan-nuqqas ta' reċiproċità tħabbret imma għadha ma saritx konkreta

### *3.1. Il-Paragwaj*

*Is-sitwazzjoni attwali:*

Iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini: ta' l-Iżlanda.

Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:

L-awtoritajiet tal-Paragwaj għarrfu lill-Kummissjoni li se tinstab soluzzjoni għall-problema li għad baqa' permezz ta' digriet b'setgħa eżekuttiva.

Minħabba li ma rċeviet l-ebda konferma uffiċjali dwar l-iffirmar ta' dan id-digriet, il-Kummissjoni, permezz ta' nota verbali tal-5 ta' Ġunju 2006, fakkret uffiċjalment lill-awtoritajiet tal-Paragwaj bil-persistenza tal-problemi tan-nuqqas ta' reċiproċità fir-rigward taċ-ċittadini Islandiżi.

Valutazzjoni:

It-twettiq tal-miżura li mħabbra għandha tiġi vverifikata. Għandhom jiġu eżaminati l-iktar mezzi xierqa sabiex tiġi żgurata r-reċiproċità sħiħa[4].

### *3.2. Singapor*

*Is-sitwazzjoni attwali:* eżenzjoni mill-viża limitata għal 30 jum, bil-possibbiltà li s-soġġorn jiġi estiż fuq il-post b'żewġ perjodi ta' 30 jum.

Fir-rapport tagħha ta' l-10 ta' Jannar 2006, magħmul fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli f'Diċembru 2005, il-Kummissjoni kienet tat ġudizzju favorevoli dwar ir-reġim li japplika f'Singapor (id-dħul b'eżenzjoni mill-viża għal 30 jum; żewġ estensjonijiet ta' 30 jum permezz ta' proċedura ħafifa) waqt li kkunsidrat b'mod partikolari t-trattament ugwali ta' dawk kollha li huma eżentati mill-obbligu tal-viża, is-sempliċità tal-proċedura ta' l-estensjoni tas-soġġorn mingħajr viża u d-daqs tal-pajjiż. Madankollu, il-Kummissjoni kienet sussegwentement informata dwar tliet elementi komplementarji: iċ-ċittadini Amerikani u Awstraljani jibbenefikaw minn reġim ta' eżenzjoni mill-viża għal soġġorni sa 90 jum; it-tul ta' żmien għad-dħul b'eżenzjoni mill-viża jvarja skond il-mezz ta' trasport użat biex wieħed jasal Singapor; l-estensjoni tas-soġġorn fuq il-post toħloq diversi problemi prattiċi.

Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:

Il-Kummissjoni, permezz ta' nota verbali tat-2 ta' Ġunju 2006, ġibdet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ta' Singapor dwar l-elementi l-ġodda msemmija hawn fuq u, fil-perspettiva tat-tieni rapport, stidnithom biex jgħarrfuha bl-istat attwali tas-sitwazzjoni.

*Valutazzjoni:*

Il-valutazzjoni pożittiva fir-rapport ta' l-10 ta' Jannar 2006 sussegwentement tpoġġiet f'diskussjoni mill-informazzjoni li l-Kummissjoni rċeviet aktar tard. Il-fatt li ċ-ċittadini li ġejjin miż-żewġ pajjiżi terzi jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-viża ta' 90 jum huwa b'mod partikolari element importanti fil-valutazzjoni li għandha ssir dwar ir-reġim ta' l-eżenzjoni mill-viża mogħti liċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

Ma tkunx tista' tingħata valutazzjoni definittiva ħlief wara li ssir analiżi ta' l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet ta' Singapor.

### *3.3. Il-Brunej*

*Is-sitwazzjoni attwali:*

---

[4] Fis-27.9.2006 il-Kummissjoni rċeviet kopja tad-Digriet Presidenzjali Nru 8065 tal-21.8.2006 li jeżenta liċ-ċittadini Iżlandiżi mill-obbligu tal-viża għal żjajjar ta' mhux iktar minn 90 jum. Fuq il-bażi tad-data li ġiet irċevuta din il-komunikazzjoni, m'huwiex possibbli, għal raġunijiet tekniċi, li jiġi adottat ir-rapport kif xieraq.

Iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża fir-rigward taċ-ċittadini ta' l-Estonja, il-Finlandja, l-Iżlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall u r-Repubblika Ċeka.

Soġġorn b'eżenzjoni mill-viża limitat għal 14 jum għaċ-ċittadini li ġejjin mill-Belġju, minn Ċipru, mid-Danimarka, minn Spanja, minn Franza, mill-Ungerija, mill-Italja, mil-Lussemburgu, min-Norveġja, mill-Polonja, mis-Slovakkja, mis-Slovenja u mill-Iżvezja.

Soġġorn b'eżenzjoni mill-viża limitat għal 30 jum għaċ-ċittadini li ġejjin: mill-Ġermanja, mill-Awstrija, mill-Greċja u mill-Olanda.

L-ewwel rapport tal-Kummissjoni kien jgħid b'mod speċjali li "anki jekk il-possibbiltà li ċ-ċittadini li ġejjin mill-Istati Membri joqogħdu fil-pajjiż mingħajr viża għal inqas minn 90 jum (it-tul ta' żmien huwa l-istess għaċ-ċittadini li ġejjin mill-Istati Membri kollha) ma tistax titqabbel ma' l-għoti ta' reċiproċità sħiħa, il-Brunej ipproponew li japplikaw kondizzjonijiet favorevoli għal dawk kollha li ġejjin mill-UE daqs dawk li japplikaw għall-imsieħba Asjatiċi l-iktar qrib tagħhom. It-trattament ugwali bejn l-Istati Membri ikun b'hekk iggarantit".

*Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:*

Saru xi kuntatti fuq il-livell tekniku. Il-Kummissjoni ġiet informata li din is-sitwazzjoni problematika tressqet għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Brunej fuq il-livell ministerjali u s-soluzzjoni tal-problema tqieset possibbli.

Minħabba li ma rċevitx konferma uffiċjali tar-rieda li jieħdu miżuri favur ir-reċiproċità, il-Kummissjoni, permezz ta' nota verbali ta' l-1 ta' Ġunju 2006, fakkret uffiċjalment lill-awtoritajiet tal-Brunej bil-persistenza tas-sitwazzjonijiet tan-nuqqas ta' reċiproċità msemmija hawn fuq. L-awtoritajiet tal-Brunej talbu, permezz ta' nota verbali tas-6 ta' Lulju 2006, terminu supplimentari ta' 3 ġimgħat sabiex jagħtu l-pożizzjoni tagħhom dwar dan. Permezz ta' nota verbali ġdida ta' l-10 ta' Lulju 2006, l-awtoritajiet tal-Brunej ippreċiżaw li l-Gvern tal-Brunej fil-prinċipju jaqbel li jagħti eżenzjoni mill-viża lil dawk li ġejjin mill-Istati Membri kollha għal soġġorni sa 30 jum u li qed jintalab terminu supplimentari ta' tliet ġimgħat biex id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-eżenzjoni tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

*Valutazzjoni:*

Meta titqies l-aħħar nota verbali ta' l-awtoritajiet tal-Brunej, soluzzjoni li tiggarantixxi t-trattament ugwali ta' dawk li ġejjin mill-Istati Membri kollha tidher imminenti. Ma tkunx tista' tingħata valutazzjoni finali ħlief meta l-awtoritajiet tal-Brunej ikunu kkonkretizzaw l-intenzjoni tagħhom.

## 4. Minn meta sar ir-rapport ta' l-10 ta' Jannar 2006, it-twettiq tar-reċiproċità mexa 'l quddiem.

### *4.1. Il-Kanada*

*Is-sitwazzjoni attwali:*

Iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini: mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja.

Fl-ewwel rapport tagħha, il-Kummissjoni indikat li l-Kanada kienet daħlet fi djalogu bil-għan li tistabbilixxi sistema reċiproka ta' eżenzjoni mill-viża imma li m'għamlitx progress reali. Hi

sostniet li dan id-djalogu mibdi kellu jitkompla imma billi wieħed jiffoka iżjed fuq ir-riżultati li għandhom jintlaħqu. Hi kienet esprimiet ix-xewqa li tiġi stabbilita proċedura trasparenti li tipprovdi punti ta' referenza ċari u li twassal għat-tneħħija ta' l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha.

*Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:*

Wara dan l-ewwel rapport, saru ħafna laqgħat kemm bejn il-Kanada u l-Istati Membri u kemm bejn il-Kanada u l-Kummissjoni.

L-awtoritajiet Kanadiżi kkomunikaw lill-Istati Membri kkonċernati informazzjoni u data dwar in-nuqqas ta' ħarsien tal-kriterji marbuta ma' l-eżenzjoni mill-viża; barra minn hekk, huma qalu li huma lesti li jiċċaraw iżjed il-kriterji u l-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu għal dan.

Bħala tkomplija ta' dawn il-ħafna laqgħat, l-awtoritajiet Kanadiżi indirizzaw ittra lill-Kummissjoni ddatata fit-28 ta' Ġunju 2006 li fiha b'mod speċjali dan li ġej:

"...Nixtieq nikkonferma l-impenn tal-Kanada sabiex l-Istati Membri ġodda ikunu eżenti mill-viża. Barra minn hekk, il-Kanada u l-Kummissjoni Ewropea għandhom interess strateġiku komuni għal kooperazzjoni mill-qrib ħafna dwar il-kwistjonijiet marbuta ma' l-immigrazzjoni internazzjonali. F'dan il-kuntest, aħna naqblu li jiġi stabbilit djalogu regolari mal-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex isir progress fuq dan il-pjan, aħna nipproponu li jiġi stabbilit qafas bejn Ċittadini u Immigrazzjoni Kanada u d-Direttorat Ġenerali Ġustizzja, Libertà u Sigurta' tal-Kummissjoni Ewropea.

Fi ħdan dan il-qafas, grupp ta' ħidma għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-obbligu tal-viża ser ikun pass importanti ħafna....

Il-Kanada timpenja ruħha sabiex tiżgura li l-eżaminazzjoni tagħha tal-viżi tkun waħda trasparenti u sabie tagħti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri ġodda aktar informazzjoni dwar il-limiti applikabbli dwar l-eżenzjoni u l-obbligu ta' viża. Kif ġie indikat fid-diskussjonijiet bejnietna f'Mejju li għadda

Kif tafu, il-fatturi li fuqhom jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-eżenzjoni mill-viża jew l-impożizzjoni mill-ġdid tagħha jinkludu:

- rati ta' ċaħda ta' talbiet għal viża Kanadiża kontinwament baxxi fuq perjodu estiż minn ċittadini tal-pajjiż ikkonċernat;
- kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u infurzar tal-liġi bħal tkeċċijiet u investigazzjonijiet tal-pulizija;
- livelli baxxi ta' kriminalità organizzata fil-Kanada marbuta mal-pajjiż ikkonċernat;
- livelli baxxi ta' abbuż mill-passaport jew korruzzjoni fil-provi fil-ħruġ tad-dokumenti tal-pajjiż;
- in-nuqqas ta' talbiet għal ażil b'abbuż ippreżentati minn persuni li jkunu ġejjin mill-pajjiż ikkonċernat jew li jivvjaġġaw bid-dokumenti tal-pajjiż ikkonċernat.

Id-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni tal-Kanada qiegħed jaħdem biex ikun hemm aktar ċarezza fuq dawn it-temi. …

Fl-aħħarnett, nikkonferma li l-Kanada bdiet konsultazzjonijiet fir-rigward ta' l-eżenzjoni mill-viża għal Stat Membru ġdid u min-naħa tagħha rċeviet assigurazzjonijiet rigward kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-migrazzjoni. Il-Kanada tittama li dawn il-konsultazzjonijiet jintemmu mill-aktar fis possibbli".

*Valutazzjoni:*

Ċertament, il-problemi kollha dwar in-nuqqas ta' reċiproċità fir-relazzjonijiet mal-Kanada għadhom ma ssolvewx. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-impenji sottoskritti mill-awtoritajiet Kanadiżi fl-ittra tagħhom tat-28 ta' Ġunju, u l-bidu tat-twettiq tagħhom, jikkostitwixxu progress tanġibbli:

– Il-kuntatti mibdija fid-29 ta' Ġunju bejn il-Kanada u l-Estonja għandhom iwasslu biex il-Gvern Kanadiż jiddeċiedi li jeżenta mill-viża ta' residenza temporanja liċ-ċittadini ta' l-Estonja, mis-27 ta' Settembru 2006. Din hija konferma ċara ħafna tar-rieda tal-Gvern Kanadiż li jwettaq l-għan komuni li jasal għar-reċiproċità ma' l-Istati Membri kollha;

– It-twaqqif ta' qafas ġdid għad-djalogu f'dan il-qasam, bi trasparenza ikbar fir-rigward tal-kriterji u l-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri kkonċernati sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-viża, se jippermetti lil dawn li jimxu 'l quddiem iżjed malajr lejn it-twettiq ta' dan l-għan.

Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra b'mod partikolari t-twettiq ta' l-ewwel impenn ta' l-awtoritajiet Kanadiżi msemmi hawn fuq, f'dan l-istadju l-Kummissjoni jidhrilha li m'humiex meħtieġa miżuri fir-rigward tal-Kanada. Fil-qafas tat-tieni impenn, il-Kummissjoni għandha tara flimkien mal-Kanada li tiżgura li Stat Membru li jirrispondi għall-kriterji oġġettivi jibbenefika wkoll mill-iktar fis possibbli mill-eżenzjoni mill-viża.

### *4.2. L-Awstralja*

*Is-sitwazzjoni attwali*:

Il-ħtieġa għal Electronic Travel Authority (ETA) għaċ-ċittadini li ġejjin minn 14-il Stat Membru (il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja u l-Iżvezja) kif ukoll għal dawk li ġejjin mill-pajjiżi assoċjati ta' l-Iżlanda u n-Norveġja.

Il-ħtieġa għal viża elettronika (e676) għaċ-ċittadini li ġejjin minn disa' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja). Fost dawn, dawk li ġejjin mill-Estonja, mil-Latvja u mis-Slovenja jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tal-ħruġ iffaċilitat ("autogrant facility").

*Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:*

Fit-tkomplija tal-konstatazzjonijiet li saru fir-rapport tagħha ta' l-10 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni ntrabtet li, fil-kuntatti tagħha ma' l-Istati Membri u ma' l-Awstralja, teżamina iktar mill-qrib ir-raġunijiet li kienu tressqu mill-awtoritajiet Awstraljani biex jiġġustifikaw iż-żamma tas-sistema attwali tal-viża elettronika (cf. il-punt 3.1 tar-rapport ta' l-10 ta' Jannar 2006):

– fil-każ ta’ tliet Stati Membri, huwa impossibbli li, f’ambjent onlajn, issir distinzjoni bejn id-dokumenti ta’ l-ivvjaġġar mogħtija lil ċittadini ta’ l-Unjoni u dawk mogħtija lil ċittadini li ġejjin minn pajjiżi terzi (l-istruttura tan-numri hija l-istess tkun xi tkun il-kategorija tad-dokument).

Il-kuntatti tas-servizzi tal-Kummissjoni ma’ l-Istati Membri ppermettew li jiġi stabbilit li din l-impossibbiltà li ssir distinzjoni tikkonċerna biss id-dokumenti ta’ l-ivvjaġġar maħruġa mir-Repubblika Ċeka. Għal dak li għandu x’jaqsam mal-portata ta’ din l-impossibbiltà li ssir distinzjoni, il-Kummissjoni għandha madankollu tinnota li l-formoli elettroniċi għat-talbiet tal-viża mqiegħda onlajn mid-DIMA (Department of Immigration and Multicultural Affairs) ikun fihom rubrika speċifika dwar iċ-ċittadinanza li titlob lil min ikun qed jagħmel it-talba għall-viża biex jindika jekk hux ġej mill-pajjiż li ħareġ il-passaport u, jekk ma jkunx il-każ, biex jippreċiża l-istatut taċ-ċittadinanza tiegħu.

– iż-żieda fin-numru ta’ każijiet li jaqbżu s-soġġorn awtorizzat, ir-rata tar-rifjut tal-viża, ir-rata ogħla ta’ l-użu ta’ evidenza qarrieqa.

Fil-bidu ta’ Ġunju, id-DIMA bagħat rapport ta’ progress lill-Kummissjoni li jispjega li dawn ir-rati, u x-xebh tagħhom mar-rata medja globali, huma l-kriterji rilevanti biex wieħed jivvaluta l-prestazzjonijiet fir-rigward ta’ l-eżiġenzi fil-qasam ta’ l-immigrazzjoni u biex jiddeċiedi jekk Stat Membru jkunx eliġibbli għall-mekkaniżmu ta’ ħruġ iffaċilitat. Fl-Anness tar-rapport ta’ progress hemm tabella bl-istatistika dwar dawn it-tliet rati għall-perjodi ta’ referenza 2003-2004, 2004-2005 u t-tieni nofs ta’ l-2005.

It-tabella, li tittratta biss dwar is-sitt Stati Membri li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għall-"e676" "standard" (bl-autogrant facility eskluża), tipprovdi l-indikazzjonijiet li ġejjin:

– ir-rata li biha jinqabeż is-soġġorn awtorizzat:

ir-rati huma bejn 0.23 u 2.41% u d-differenzi fit-tendenzi huma distinti. Ir-rati jitbaxxew darbtejn għal żewġ Stati Membri (il-Litwanja, Ċipru) u jogħlew darbtejn għal żewġ Stati Membri oħra (l-Ungerija, is-Slovakkja). Fil-każ ta’ l-aħħar żewġ Stati Membri, ir-rati l-ewwel jinżlu u mbagħad jiżdiedu (ir-Repubblika Ċeka) jew inkella l-kontra (il-Polonja).

– ir-rata tar-rifjut tal-viża:

ir-rata tar-rifjut niżlet darbtejn għaċ-ċittadini li ġejjin minn kull Stat Membru kkonċernat biex fl-2005-2006 laħqet livell f’kull każ inqas mir-rata tar-rifjut globali.

– ir-rata ta’ l-annullament tal-viża:

ir-rati huma estremament baxxi, saħansitra insinifikanti: ir-rata hija stabbilita għal 0.00% għal erba’ Stati Membri għal kull wieħed mit-tliet perjodi ta’ referenza; għal Stat Membru wieħed, ir-rata hija ta’ 0.00% għal żewġ perjodi ta’ referenza u ta’ 0.01% għal perjodu wieħed; għal Stat Membru wieħed biss ir-rata avvanzat b’mod kontinwu u telgħet minn 0.00% għal 0.02% u fl-aħħar għal 0.03%.

– rata għolja ta’ użu ta’ evidenzi qarrieqa:

l-awtoritajiet Awstraljani ma pprovdewx informazzjonijiet iktar preċiżi dwar dan.

Il-konklużjonijiet ta’ l-awtoritajiet Awstraljani:

– il-prestazzjonijiet tar-Repubblika Ċeka meta mqabblin mar-rata medja globali għat-tliet kriterji rilevanti jippermettu li wieħed jaħseb għall-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ħruġ iffaċilitat għal dawk li ġejjin minn dak il-pajjiż. Id-DIMA madankollu jinnota li din l-estensjoni hija kkondizzjonata minn jekk tinstabx soluzzjoni flimkien mar-Repubblika Ċeka għal numru ta' punti partikolari li għadhom pendenti;

– għall-ħames Stati Membri l-oħra, ġew reġistrati żviluppi matul l-aħħar perjodu ta' referenza imma dawn għadhom mhux biżżejjed biex jippermettu li wieħed jaħseb għal estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ħruġ iffaċilitat.

– matul is-sitt xhur li ġejjin, se jsir xi titjib tekniku fil-mekkaniżmu tal-ħruġ iffaċilitat sabiex jitnaqqas in-numru ta' dokumenti ta' evidenza li jkollhom jiġu ppreżentati.

B'ittra fit-28 ta' Awissu 2006, il-Ministru Awstraljan għall-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Multikultrali pprovda serje ta' informazzjoni addizzjonali:

"Il-gvern Awstraljan stabbilixxa strateġija biex fis-snin li ġejjin iwettaq serje ta' miżuri maħsuba biex ir-regoli fil-qasam tal-viżi jkunu uniformi għall-Istati Membri kollha ta' l-UE. Din l-istrateġija tinkludi l-aspetti li ġejjin:

– Bħala l-ewwel stadju, għandu jsir titjib fir-rigward tal-viża turistika elettronika (e676). Dawn il-miżuri, li huma applikabbli mill-2007, inaqqsu t-tul tal-formola ta' applikazzjoni għall-viża li ser tkun disponibbli fuq l-internet, u jnaqqsu n-numru ta' dokumenti ta' appoġġ kultant meħtieġa mill-applikanti;

– Mill-1 ta' Lulju 2007, għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE ser tiġi eliminata t-tariffa fuq applikazzjonijiet għall-viża ta' tliet xhur e676 u għal żjajjar qosra fuq negozju;

– Estensjoni tal-faċilità e676 lill-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE, hekk kif dawn jilħqu l-livelli ta' konformità ma' jew taħt il-medja ta' konformità tar-rekwiżiti Awstraljani…

– Fl-2008, l-implimentazzjoni ta' servizz ġdid ta' viża elettronika għat-turisti u viżitaturi fuq negozju (eVisitors) li jgħaqqad il-pjattaforma fuq l-internet ta' l-Awtorità ta' l-Ivvjaġġar Elettroniku (*Electronic Travel Authority* (ETA)) u s-servizz e676; Dan is-servizz ġdid ser ikun applikat b'mod unifromi madwar l-UE u ser ikun mingħajr ħlas fuq l-applikazzjoni għall-viża...

– Il-gvern Awstraljan ser jeżamina wkoll l-għażliet tekniċi biex ikun jista' jgħaddi għal pjattaforma unika għall-ħruġ ta' viżi turistiċi u għan-negozjanti, li tkun applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE. L-implimentazzjoni ser tibda hekk kif tinstab soluzzjoni teknika".

Din l-informazzjoni wasslet għal laqgħa ma' l-awtoritajiet Awstraljani fid-29 ta' Awissu 2006.

*Valutazzjoni:*

Il-perspettiva, fiż-żmien qrib, ta' estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ħruġ iffaċilitat għaċ-Ċeki mingħajr dubju tikkostitwixxi progress li l-Kummissjoni tifraħ bih minkejja l-aspett kondizzjonali tiegħu. It-titjib tekniku li għandu jsir fil-mekkaniżmu tal-ħruġ ta' l-e676 fix-xhur li ġejjin jistgħu jiffaċilitaw il-proċeduri lil dawk li jkunu qed jagħmlu t-talba għall-viża imma dan għadu mhux preċiż biżżejjed. Madankollu, il-perspettiva mħabbra fl-ittra tal-

Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Multikulturali li jitneħħew l-ispejjeż marbuta mal-viża fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' ħruġ ta' l-e676 minn Lulju 2007 tikkostitwixxi progress konkret lejn ir-ritorn għal trattament ugwali bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-intenzjoni msemmija fit-tagħrif ippreżentat mill-awtoritajiet Awstraljani tindika l-linji ta' gwida prinċipali tal-kondizzjonijiet, l-istadji u l-kalendarju għall-istabbiliment sħiħ tat-trattament ugwali bejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha sa l-2008 permezz ta' l-introduzzjoni tal-pjattaforma unika ġdida eVisitors li tgħaqqad il-mekkaniżmi tal-ħruġ ta' l-ETA u l-e676.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li mhux neċessarju f'dan l-istadju li jiġu kkunsidrati miżuri kontra l-Awstralja. Madankollu, ikun xieraq li tkompli għaddejja l-evalwazzjoni ta' l-iżvilupp tal-kondizzjonijiet ta' l-għoti tal-viża minn issa sat-tnedija tal-pjattaforma eVisitors, partikolarmnet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-introduzzjoni effettiva u f'perjodu ta' żmien raġonevoli tat-titjib imħabbar mill-awtoritajiet Awstraljani (is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ħruġ ta' l-e676, l-għoti tal-"ħruġ iffaċilitat", l-introduzzjoni tal-pjattaforma unika valida għall-Istati Membri kollha).

## 5. Minn meta sar ir-rapport ta' l-10 ta' Jannar 2006, it-twettiq tar-reċiproċità ma mexiex 'il quddiem

### *5.1. L-Istati Uniti ta' l-Amerika*

*Is-sitwazzjoni attwali*:

Iż-żamma ta' l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja.

Fl-ewwel rapport tagħha, il-Kummissjoni għarfet li l-Istati Uniti impenjaw rwieħhom fuq l-ogħla livell politiku fir-rigward tal-proċess tal-ħruġ ta' lista ta' passiġġieri li jikkonċerna l-programm ta' l-eżenzjoni mill-viża. Meta titqies r-reazzjoni ta' l-Istati Membri u r-realtajiet tal-politika Amerikana fir-rigward tal-viżi, il-Kummissjoni tqis li l-proċess ta' ħruġ ta' lista ta' passiġġieri fir-rigward tal-programm ta' l-eżenzjoni mill-viża jkun jista' jippermetti li b'xi mod iċ-ċittadini kollha ta' l-UE jibbenefikaw fuq terminu medju minn eżenzjoni mill-viża, u hija disposta li tapprova din l-istrateġija.

Madankollu, jeħtieġ li jissaħħu l-ispeċifiċità u l-koerenza fid-definizzjoni ta' l-għanijiet u l-evalwazzjoni f'dawn il-listi ta' passiġġieri sabiex din l-istrateġija tkun kompletament effikaċi. Il-Gvern Amerikan aċċetta din il-proposta fil-qafas tal-programm ta' ħidma komuni Unjoni Ewropea/Stati Uniti ta' Novembru 2005 fil-perspettiva tat-twettiq ta' l-inizjattiva ekonomika tas-Samit Unjoni Ewropea/Stati Uniti ta' Ġunju 2005: wieħed mill-għanijiet hu "li jiġu stabbiliti proċessi ċari u sħaħ ta' ħruġ ta' listi ta' passiġġieri għal kull pajjiż għall-Istati Membri kollha ta' l-UE li huma esklużi mill-programm ta' l-eżenzjoni mill-viża billi tinħaseb proċedura li tippermetti lil dawn l-Istati Membri li jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti u li jipparteċipaw fil-programm Amerikan ta' eżenzjoni mill-viża".

*Il-proċeduri għat-twettiq tar-reċiproċità:*

Wara dan l-ewwel rapport, saru ħafna laqgħat kemm bejn l-Istati Uniti u l-Istati Membri kkonċernati kif ukoll bejn l-Istati Uniti u l-Kummissjoni u b'mod partikolari waqt is-Samit UE/US fi Vjenna fil-21 ta' Ġunju li għadda. Għaldaqstant, ma ġie rreġistrat l-ebda element ta' progress tanġibbli:

– il-listi tal-passiġġieri ma ġewx adattati sabiex jagħmluhom iktar komprensivi u speċifiċi għal kull pajjiż billi jinkludu punti ta' referenza xierqa u kalendarju;

– il-preokkupazzjonijiet fir-rigward tad-data li fuqha hija bbażata l-pożizzjoni ta' l-Istati Uniti għadhom intatti, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-rati li bihom jinqabeż it-tul ta' żmien awtorizzat ta' soġġorn u mar-rata tar-rifjut tal-viża; jekk il-kriterji stabbiliti mill-Kungress huma aċċettabbli, il-mod ta' kif dawn jiġu applikati mill-amministrazzjoni m'huwiex: ir-rata tar-rifjut tal-viża toħroġ mill-valutazzjoni nfisha mill-awtoritajiet konsulari ta' l-Istati Uniti; madankollu, l-Istati Membri kkonċernati ma jirċevux informazzjoni fuq ir-raġunijiet għar-rifjut tal-viżi; fil-każ tar-rati li bihom jinqabeż it-tul ta' żmien awtorizzat ta' soġġorn, l-Istati Uniti, f'din il-fażi, minħabba li m'għandhomx sistema ta' reġistrazzjoni ta' dħul u ħruġ mit-territorju ma jkollhomx data affidabbli bbażata fuq il-fatti;

– l-awtoritajiet Amerikani m'humiex disposti li jqisu faċilitazzjonijiet fir-rigward tal-ħruġ tal-viżi (per eżempju għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ammont tad-drittijiet li jkollhom jitħallsu bħala miżura tranżitorja). Għaldaqstant, skond it-tagħrif mhux uffiċjali li wasal għand il-Kummissjoni reċentement, jidher li l-awtoritajiet Amerikani qed jikkunsidraw il-possibbiltà liċ-ċittadini ta' Stat Membru li jintroduċu t-talba għall-viża fuq l-internet.

Ta' min jinnota li fil-qafas tad-dibattitu fil-Kungress dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida fir-rigward ta' l-immigrazzjoni, ġiet proposta emenda li tippermetti li l-Programm tat-Tneħħija tal-Visa jinfirex għal ċerti Stati Membri jekk jintlaħqu ċerti kondizzjonijiet. F'din il-fażi, m'huwiex possibbli li wieħed jevalwa x'inhu ċ-ċans li ssir din l-emenda. Madankollu, din l-inizjattiva ma ssolvix il-kwistjoni ta' l-estensjoni tal-VWP.

Barra minn hekk, f'ittra indirizzata lill-Kummissjoni fis-17 ta' Awissu 2006, l-awtoritajiet Amerikani taw spjegazzjonijiet ulterjuri:

"...ta' min jiġi enfasizzat mill-ġdid li s-sħubija fil-VWP tirrikjedi li pajjiż jissodisfa serje ta' rekwiżiti stabbiliti bil-liġi. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu kkjarifikati, iżda ma jistgħux jitneħħew jew jiġu sospiżi. Fil-mument, l-ebda Stat Membru barra mill-VWP ma jilħaq il-kriterji statutorji kollha biex ikun jista' jibbenefika mill-programm. Fost dawn il-kriterji nsibu, fost oħrajn, rata ta' ċaħdiet ta' talbiet għall-viża minn viżitaturi mhux immigranti ta' inqas minn 3 fil-mija, il-ħruġ ta' passaporti bijometriċi u r-rappurtaġġ fil-ħin ta' telf u serq ta' passaporti lill-Gvern ta' l-Istati Uniti.

Jidhrilna li l-proċess ta' *roadmap* qiegħed miexi 'l quddiem kif maħsub bħala strument ewlieni ta' tagħrif skambjat u kooperazzjoni kostruttiva bejn l-Istati Uniti u l-Istati Membri ta' l-UE li b'mod attiv iridu jissieħbu fil-VWP. Dan il-proċess diġà ta l-frott f'termini ta' aktar kuxjenza dwar l-indikaturi, bħal ngħidu aħna żjajjar itwal milli permess fuq il-viża, li jxekklu l-eliġibilità ta' pajjiż għall-VWP. Barra minn hekk, il-gruppi ta' ħidma bilaterali responsabbli mit-twettiq tar-*roadmap* irċevew tagħrif u ddiskutew gwidi speċifiċi dwar oqsma bħalma huma l-integrità u s-sigurtà tad-dokument, u kwistjonijiet ta' naturalizzazzjoni, ċittadinanza u residenza. Dawn il-kwistjonijiet ser ikunu suġġetti għal evalwazzjoni fil-ġejjieni meta tiġi kkunsidrata l-eliġibilità għas-sħubija fil-VWP. Għandha tingħata wkoll gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet kritiċi li jolqtu s-sigurtà interna ta' l-Istati Uniti (il-kontrolli tal-fruntieri, passaporti mitlufa jew misruqa u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u kwistjonijiet ta' sigurtà).

Nitolbu lill-Kummissjoni biex tagħraf il-progress milħuq sal-lum permezz tal-proċess tar-*roadmap* u twassal lill-Istati Membri li jridu jissieħbu fil-VWP l-impenn tad-Dipartiment tas-

Sigurtà Interna li jkompli jipprovdi lil kull wieħed minnhom pariri u assistenza teknika dwar l-għanijiet, ir-rekwiżiti u l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-programm ."

*Valutazzjoni*:

Għaldaqstant, jidher li f'dawn iċ-ċirkostanzi, m'hemm l-ebda soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' reċiproċità kkonċernati. Ma sar l-ebda djalogu orjentat lejn ir-riżultati li għandhom jintlaħqu. Il-messaġġ fl-ittra tas-17 ta' Awissu huwa biss konferma ta' impenn li diġà ttieħed qabel l-ewwel rapport. Il-possibbiltà li tippermetti liċ-ċittadini ta' Stat Membru li jintroduċu t-talba għall-viża fuq l-internet jista' jkun element ġdid, li s'issa qatt ma kien issemma mill-awtoritajiet Amerikani fil-kuntatti tagħhom mal-Kummissjoni. Ikun xieraq li tkun ivverifikata l-konkretizzazzjoni ta' tali miżura li, bil-mod kif qed tkun ikkunsidrata, madankollu ma tbiddilx il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni jidhrila tista' tiġi prevista l-adozzjoni ta' miżuri adegwati fir-rigward ta' l-Istati Uniti, bħal per eżempju, id-dħul temporanju mill-ġdid ta' l-obbligu tal-viża għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi u ta' passaporti ta' servizzi jew uffiċjali, bil-għan li jitħaffef il-progress lejn ir-reċiproċità.

## III. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tqis li d-djalogu mal-pajjiżi terzi bis-saħħa tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' reċiproċità wera l-effikaċità tiegħu. It-tnaqqis kostanti u sinifikattiv tan-numru ta' "sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' reċiproċità" (il-każ fejn pajjiż terz iżomm l-obbligu tal-viża fir-rigward taċ-ċittadini li ġejjin minn Stat Membru) huwa fl-opinjoni tal-Kummissjoni riżultat ta' ċerta importanza[5].

Madankollu, is-sitwazzjoni għadha wieqfa fir-rigward ta' l-Istati Uniti, filwaqt li fir-rigward ta' l-Awstralja, il-Kanada u l-Brunej din qegħda tiżviluppa. L-andament ta' dan l-iżvilupp ser jiddetermina d-deċiżjoni dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati biex verament tintlaħaq ir-reċiproċità.

Minħabba l-importanza li għandu t-twettiq tar-reċiproċità, il-Kummissjoni tħabbar l-intenzjoni tagħha li tagħmel rapport mill-ġdid lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux iżjed tard mill-31ta' Marzu 2007 u tressaq il-proposti konkreti xierqa jekk jippersistu s-sitwazzjonijiet tan-nuqqas ta' reċiproċità filwaqt li formalment, bis-saħħa ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KE), hija mhix obbligata tippreżenta rapport bħal dan sat-30 ta' Ġunju 2008.

---

[5] Ara l-Annessi 1A u 1B tar-rapport dwar ir-reċiproċità ta' l-10.1.2006.